MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1019/2009

**Avukat Antoine Cremona bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera *Conserves Ferrer SA***

***Versus***

***The I Group Limited***

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenuta tħallasha s-somma ta' ħdax-il elf, seba' mija u tliet euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€11,703.62) bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tal-4 ta' Settembru 2008, u l-imgħaxijiet kummerċjali minn dakinhar tal-fattura.
2. Is-soċjetà konvenuta, għalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, la wieġbet u lanqas dehret għas-smigħ tal-kawża, u lanqas inqdiet bil-fakoltà, mogħtija lilha kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li tagħmel osservazzjonijiet bil-miktub.

3. Mid-dokumenti fl-atti tal-kawża jidher illi l-konvenuta tassew għandha tagħti lill-attriċi daqskemm din qiegħda titlob. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallasha ħdax-il elf, seba' mija u tliet euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€11,703.62) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------